MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 405/2004

Kawza fil-lista: 36

**A B**
**Vs**
**L-Avukat Dottor Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja nominat b' digriet tat-28 ta' Jannar 2005 kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-partijiet izzewgu fir-Registru Pubbliku Valletta fit-30 ta' Gunju tas-sena elfejn u wiehed (2001), kif jidher mic-certifikat li qieghed jigi hawn anness u mmarkat Dok SG1.

Premess illi minn dan iz-zwieg twieldet l-minuri Sheryann fl-1 ta' Awissu 2002.

Premess illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment u l-hajja konjugali m'ghandhiex aktar possibli, u dan minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut, konsistenti f'abbandun, ingurji gravi, inkompatibilita' ta' karattru u adulterju fil-konfront ta' martu l-esponenti.

Premess illi l-esponenti ma tahdimx u m'ghandhiex mezzi biex tmantni lilha nnifisha u lill-minuri Sheryann ta' sentejn.

Premess illi l-attrici giet debitament awtorizzata mill-Qorti tal-Familja biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn zewgha l-konvenut.

Jghid il-konvenut ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut stante abbandun, ingurji gravi, inkompatibilita' ta' karattru u adulterju fil-konfront ta' martu l-esponenti

2. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti kollha ta' l-Artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Takkorda lill-attrici manteniment xieraq ghaliha u ghal minuri Sheryann ta' sentejn, skond il-ligi

4. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri Sheryann lill-attrici.

5. Tillikwida u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u taqsam l-istess komunjoni bejn il-partijiet mhux necessarjament fi kwoti ugwali.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew li huma ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz u rrizervaw li jipprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-attrici qeda titlob is-separazjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut ghar-ragunijiet kontemplati fl-Artikoli 38, 40 u 41 imputabbli esklussivament lill-istess konvenut; kif ukoll li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali fit-termini tat-talbiet numri 2 sa 5.

Illi l-kontendenti zzewwgu fit-30 ta' Gunju 2001 u minn dan iz-zwieg twieldet it-tifla Sheryann fl-1 ta' Awissu 2002.

Mill-provi rrizulta nkontestat li z-zwieg gie dikjarat null fil-mori tal-proceduri odjerni u precisament fis-27 ta' Ottubru 2005. Ghaldaqstant mhux aktar il-kaz li din il-Qorti tibqa' tiehu konjizzjoni tat-talbiet numri 1 u 2; u jibqa' biss biex jigu ezaminati t-talbiet numri 3, 4 u 5 li jikkoncernaw il-manteniment ghat-tifla, il-kura u kustodja ta' l-istess kif ukoll ix-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

Jirrizulta li matul iz-zwieg il-konvenut, ta' nazzjonalita' Libjana, ma kienx jahdem u kienet l-attrici li bl-impieg taghha kienet tmantni lilu u lit-tifla taghha u taghmel l-ispejjez kollha li kien ikun hemm bzonn. It-tifla dejjem kienet fil-kustodja effettiva ta' l-attrici li kienet tiehu hsiebha wahedha kemm qabel ma l-konvenut abbanduna lill-attrici kif ukoll wara u cioe' meta twieldet it-tifla fl-1 ta' Awissu 2002.

Mid-dokument esebiti jirrizulta li l-attrici ghall-ispejjez tal-minuri nefqet is-somma komplessiva ta’ Lm4,384.55c. Inoltre fil-komunjoni ta’ l-akkwisti kien hemm biss it-television u l-video recorder, filwaqt li l-mobile phone u l-gizirana tad-deheb li qedin fil-pussess tal-konvenut huma proprjeta’ parafernali taghha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet numri [1] u [2], stante li z-zwieg bejn il-kontendenti gie dikjarat null fil-mori tal-proceduri odjerni;

[2] tiffissa, *arbitrio boni viri*, retta alimentarja ghat-tifla minuri fl-ammont ta’ erbghin lira maltin [Lm40] fix-xahar pagabbli mill-konvenut lill-attrici fir-residenza taghha;

[3] takkorda li l-kura u kustodja tal-minuri Sheryann lill-attrici; bid-dritt ghall-access that supervizjoni ghall-konvenut kull nhar ta’ Tnejn u nhar ta’ Erbgha bejn l-4.00 pm u l-5.00 pm;

[4] tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti mis-27 ta’ Ottubru 2002, u tiddikjara li l-attrici ghandha kreditu versu l-konvenut fl-ammont ta’ elfejn mija tlieta u disghin lira maltin [Lm2,193] rapprezentanti nofs l-ispejjez inkorsi minnha, fiz-zmien ta’ l-abbandun, ghall-bzonnijiet tal-minuri u tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attrici din is-somma, nieqes l-ammont ta’ sebghin lira maltin [Lm70] rapprezentanti nofs l-valur tat-television u tal-video recorder, u tordna li dawn l-oggetti jibqghu fil-pussess ta’ l-attrici.

Inoltre, l-konvenut huwa ordnat jirritorna lill-attrici l-gizirana u l-pendent proprjeta’ parafernali taghha, li pero’ ma rrizultax il-valur taghhom.

L-ispejjez kollha a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------